A.L. 13 ta' l-1981

ORDINANZA DWAR IL-BIBLOJTEKI PUBBLIĊI

Regolamenti ta' l-1981 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bibljoteka Pubblika ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 6 ta' l-Ordinanza dwar il-Bibljoteki Pubbliċi, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

A.L. 21 ta' l-1974

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1981 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bibljoteka Pubblika ta' Malta, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1974 dwar il-Bibljoteka Pubblika ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fis-16 ta' Frar, 1981.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Il-bibljoteka tkun miftuħa għall-pubbliku kif ġej:

(A) Mill-1 ta' Ottubru ta' kull sena sal-15 ta' Ġunju tas-sena ta' wara:

It-Tnejn, it-Tlieta, il-Ħamis, il-Ġimgħa	mid-9.00 a.m. sas-5.45 p.m.
Nhar ta' Sibt	mid-9.00 a.m. sas-1.15 p.m.

(B) Mis-16 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru ta' kull sena:

It-Tnejn, it-Tlieta, il-Ħamis, il-Ġimgħa, is-Sibt	mid-900 a.m. sas-1.45 p.m.".